**Il-manifest tal-PES f'versjoni faċli biex taqra hija parti mill-progett**
***L-Opinjoni Tiegħi L-Vot Tiegħi* fuq gwidi minn 'Inclusion Europe' u oħrajn.**

**PES manifesto translated into an easy-to-read format as part of the**
***My Opinion My Vote Project* as per guidelines produced by Inclusion Europe and others.**

| | |
|---|---|
| PES | |
| **Partit Socjalista Ewropew**<br><br>Il-Partit Soċjalista Ewropew jissejjah **PES** fil-qasir.<br>Il-PES iridna nivvutaw għall-Unjoni Ewropeja **progressiva.**<br>**Progressiva tfisser li tagħmel xi ħaġa li ġġib il-bidla.** | |
| **“L-Ewwel in-Nies / “People first”** hu l-isem tal-pjan politiku tal-PES. |  |
| Il-PES għandu 6 **prijoritajiet biex issir il-bidla**:<br>**Prijoritajiet huma l-aktar affarijiet importanti li għandhom isiru l-ewwel.** | |
| **1.** Biex tissaħħah l-**ekonomija** għal darb’ oħra.<br>**L- Ekonomija tfisser il-bejgħ u x-xiri ta’ prodotti u servizzi.** |  |
| **2.** Il-PES irid joħloq **“Ewropa Socjali Gdida”** biex kulħadd jieħu li ħaqqu. | |
| **3.** Il- PES irid jaħdem kontra t-**tibdil fil-klima.**<br>**It-tibdil fil-klima hu ta’ ħsara għad-dinja.** |  |
| **4.** Il-PES irid li jkun hemm **ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa** fl-Ewropa.<br>**Ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa tfisser li t-tnejn għandhom drittijiet indaqs.** |  |
| **5.** Il-PES irid jiżviluppa **politika ta’ immigrazzjoni.**<br>**Politika ta’ immigrazzjoni hi lista ta’ liġijiet għall-moviment tan-nies bejn il-pajjiżi.** | |
| **6**. Il-PES irid li l-Ewropa tissieħeb mad-dinja sabiex taħdem favur il-paċi, is-sigurta’ u l-iżvilupp. |  |